KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Sekondarja Subien, Kirkop

Marka

EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2013/14

Track 3 (JL)

FORM 4 **Reliġjon** **Ħin: Siegħa u nofs**

Taqsima	A	B	Ċ	D	**Marka Globali**
Marka sħiħa	25	25	25	25	100
Marka					

Tikteb xejn 'il fuq minn din il-linja

Isem: ___________________________________ **Klassi: ___________**

<u>Taqsima A: Ir-Reliġjon x'tiswa'?</u>

<u>Eżerċizzju 1: Ikteb veru jew falz ħdejn kull sentenza.</u>

<u>Eżempju:</u> Kull Reliġjon fiha t-tajjeb tagħha ___Veru___

1) Kull reliġjon tipprova twieġeb l-ikbar mistoqsijiet tal-bniedem. ____________
2) Il-kelma 'fidi' tfisser li temmen xi ħaġa mingħajr ma tara. ____________
3) San Tumas ma kienx emmen li Ġesù qam mill-mewt. ____________
4) Charles de Foucauld kien tkeċċa minn suldat. ____________
5) Charles de Foucauld qatt ma tilef il-fidi. ____________
6) Charles de Foucauld beda grupp ġdid ta' qassisin. ____________
7) Il-fundatur tal-Buddiżmu hu Sidharta Gautama. ____________

7 marki

Eżerċizzju 2: Għaqqad is-sentenzi ma' xulxin. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju. Trid tikteb in-numru t-tajjeb fil-kolonna l-vojta.

1	Ir-reliġjonijiet żviluppati huma		għandu jibqa' fiha ħajtu kollha.
2	Il-Buddisti jemmnu li wara l-mewt		f'xi ħaġa li m'għandiex bażi u m'għandiex sens.
3	Il-Protestanti wkoll jemmnu		hija eżempju ta' superstizzjoni.
4	Ir-reliġjonijiet primittivi		il-musulmani jsumu minn tlugħ sa nżul ix-xemx.
5	Superstizzjoni tfisser li temmen	1	l-Induiżmu, il-Buddiżmu u l-Islam.
6	Fir-Ramadan		f'Ġesu` bħalma jemmnu l-Kattoliċi.
7	Li tibża` tgħaddi minn taħt sellum		ubbidjenza.
8	Muhammed qal li huwa		ser jerġgħu jitwieldu fid-dinja.
9	Il-kelma Islam tfisser		l-Induisti u l-Buddisti.
10	L-Induisti jemmnu li jekk wieħed twieled f'kasta soċjali		jemmnu li kull ħaġa ħajja għanda ruħ.
11	Ir-Rinkarnazzjoni jemmnu biha		l-aħħar u l-akbar profeta.

10 marki

Eżerċizzju 3 : Spjega dawn il- kelmiet.

Il-Buddha :____

____

Ir-Rinkarnazzjoni:____________________________________

____

Il-Meditazzjoni:_____________________________________

____

Il-Koran:____

____

Brahman:____

____

Mekka:____

____

Nirvana:____

____

Fanatiżmu:____

____

8 marki

Taqsima B : Il-Kelma tal-Mulej

Eżerċizzju 1: Aqta' linja taħt ir-risposta t-tajba.

Eżempju: Jekk ngħixu tajjeb aħna nistgħu mmorru (Paceville la nikbru, vjaġġ fejn kien jgħix Ġesù, il-Ġenna meta mmutu, indoqqu l-ħornijiet).

1) Aħna nemmnu li hemm tliet persuni f'Alla wieħed. Dan il-misteru nsejħulu l-misteru tat-(Tribu`, Tanzania, Turbina, Tumbrell, Trinita`, Twemmin, Tabernaklu).

2) L-ewwel qaddis malti huwa (Dun Karm Psaila, Dun Djan, San Dokan, Dun Mikiel Azzoppardi, Dun Ġorġ Preca, Dun Alwiġ Cremona, Nazju Falzon).

3) L-Apokalissi jitkellem dwar (il-mewt ta' San Pawl, meta San Pawl ġie Malta, il-bidu tad-dinja, l-aħħar tad-dinja, il-fidi tal-ewwel insara, ir-reliġjonijiet differenti).

4) L-ewwel ħames kotba tal-Bibbja jissejħu l-(Pentekoste', Pentagon, Pentatewku, Pikachu, Pensilvenja, Pentatikka, Pentagram, Pasturi).

5) Il-Bibbja ġiet tradotta għal iktar minn (mitt, mitejn, elf, elfejn) lingwa.

6) (Is-samaritan it-tajjeb, Lażżru, Żakkew, Abraham, Adolf, Zidane, David) kien pubblikan li tela' fuq siġra biex jara lil Ġesu'.

7) Ix-xogħol tal-pubblikani kien li (jistadu, joqogħdu għassa mat-tempju, jitolbu għall-midinbin, jgħinu lill-qassisin, jiġbru t-taxxi, jieħdu ħsieb il-kju fis-suq).

8) Darba waħda, il-Fariżej kienu ħa jħaġġru lill-(isqof, qassis il-kbir, Żakkew, Pietru, mara l-midinba, Ġakobb, Pilatu), iżda Ġesù waqqafhom.

9) Salamun kien it-tifel ta' David u dan kien magħruf (għas-sbuħija, għas-saħħa, għall-għerf, għat-tul, ghall-għażż) tiegħu.

10) L-isem ta' Mosè jfisser (beżżul, re tajjeb, meħlus mill-għarqa, bniedem bil-għaqal, qaddis).

10 marki

Eżerċizzju 2: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

1) Xi tfisser meta ngħidu li l-Bibbja fiha stejjer letterarji?

___

___

___ 2 marki

2) Semmi eżempju ta' storja letterarja mill-Bibbja. ___

___ marka

3) Xi tfisser meta ngħidu li l-Bibbja hi ispirata? ___

___

___ marka

4) Għala Ġużeppi spiċċa mibjugħ minn ħutu? ___ marka

5) X'inhi d-differenza bejn il-Kanoni tal-Kotba Mqaddsa u l-Apokrifi? ___

___

___ 2 marki

6) Semmi ż-żewġ lingwi oriġinali li bihom inkitbet il-Bibbja. ___

___ 2 marki

7) Min qaleb il-Bibbja għall-malti?___

___ 2 marki

8) X'kienu ż-żewġ affarijiet li Alla talab lil Abraham biex jara għandux fidi fiH?

___

___

___2 marki

9) Għala Sawl ipprova joqtol lil David? ___ marka

10) X'tip ta' żbalji wieħed ma jistax isib fil-Bibbja? ___

___ marka

15- il marka

Taqsima Ċ: Il-ħolqien tal-art u tal-bnedmin.

Eżerċizzju 1: Imla l-vojt

1) Fl-ewwel jum tal-ħolqien Alla fired id-dawl mid-_______________.

2) Fit-tieni jum tal-ħolqien Alla fired il-baħar mis-______________.

3) Fit-tielet jum tal-ħolqien Alla hareġ l-_________ minn ġol-baħar u għamel il-ħaxix.

4) Fir-raba' jum tal-ħolqien Alla ħalaq ix-_________, il-____________ u l-pjaneti.

5) Fil-ħames jum tal-ħolqien Alla ħalaq il-__________ fil-baħar u t-__________ fis-sema.

6) Fis-sitt jum Alla ħalaq l-annimali ta' fuq l-art u lill-_________________.

7) Alla ħalaq lil Adam mit-___________ tal-art u lill-Eva minn _______________ t'Adam.

8) Fis-seba' jum Alla ______________.

11-il marka

Eżerċizzju 2: Wieġeb għall-mistoqsijiet.

U s-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha, li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: "Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien'?" U l-mara wieġbet lis-serp: "Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien, Alla qalilna: 'La tiklux minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu.' " U s-serp qal lill-mara: "Le, żgur ma tmutux. Imma Alla jaf li dakinhar li tieklu minnu jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal allat, li jafu t-tajjeb u l-ħażin." U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn, u s-siġra tħajrek biex tikseb l-għerf; u ħadet mill-frott u kielet. Wara tat ukoll lil Adam, li kien magħha, u kiel. U nfetħu għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għarwenin, u ħietu weraq tat-tin, u għamlu iħżma. U semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum, u nħbew Adam u martu minn wiċċ il-Mulej Alla qalb is-siġar tal-ġnien.

1) Kif tista' tinduna li din m'hijiex storja vera?

____

____ marka

2) Lil min qed jirrappreżenta s-serp f'din l-istorja? ____________________________ marka

3) X'nitgħallmu minn din l-istorja? ____

____ marka

4) Kif is-serp ikkonvinċa lil Eva biex tiekol mis-siġra? ______________________________

____ marka

5) Għalxiex skoprew li kienu għarwenin wara li kielu mis-siġra u mhux qabel? ___________

____ marka

6) Għalxiex marru jistaħbew Adam u Eva? ______________________________________

____ marka

7) X'wieġeb Adam meta Alla saqsih għaliex kiel mis-siġra?___________________________

____ marka

8) X'wieġbet Eva meta Alla saqsiha għaliex kielet mis-siġra? _______________________

____ marka

9) X'kien il-kastig li ħa Adam u l-kastig li ħadet Eva? _______________________________

____

____ 2 marki

10) X'kastig ħa s-serp? ____

____ marka

11) X'jismu l-ġnien li kienu fih Adam u Eva? ________________________________ marka

12) Semmi tnejn mill-erbgħa firdiet li jġib miegħu d-dnub. __________________________

____

____ 2 marki

14-il marka

Taqsima D: Alla li jsalva

Eżerċizzju 1: Hawnhekk hawn lista ta' wieħed u għoxrin (21) kmandament. Ovvjament għaxra biss huma tajbin. Sib liema huma t-tajbin u ħdejhom fil-ġenb ikteb **Tajjeb**. Sib liema huma l-foloz u ħdejhom ikteb **Ma jeżistix**. L-ewwel waħda hi lesta bħala eżempju.

1	Ma jkollokx Knisja oħra falza.	**Ma jeżistix**
2	La toħroġx għal kaċċa.	
3	Ma jkollokx Alla ieħor għajri (ħliefi).	
4	La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal (fil-vojt).	
5	La tgergirx kontra l-ħbieb.	
6	Ħares il-Ħdud u l-festi kmandati.	
7	La tarax affarijiet ħżiena.	

8	Weġġaħ (irrispetta) lil missierek u lil ommok.	
9	Mur żur lil-morda l-isptar.	
10	La toqtolx.	
11	La tiżnix.	
12	Itfa' l-flus fil-qoffa tal-Knisja.	
13	Għamel l-ilma mbierak qabel il-Quddies.	
14	La tmaqdarx.	
15	La tisraqx.	
16	La tixtrix affarijiet żejda.	
17	La tixhidx ħaġa b'oħra (la tigdibx).	
18	La tarmix ikel.	
19	La tixtieqx nisa tal-oħrajn.	
20	La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.	
21	La tixtieqx karozzi tal-oħrajn.	

10 marki

Eżerċizzju 2: Wieġeb dawn it-tlett domandi billi tikteb madwar 50 kelma fuq kull waħda.

a) Ikteb kif minn familja lhudija Mose` spiċċa jgħix mal-familja tal-Fargħun.

____

____

____

____

____

____

____

____

____

____

____ 5 marki

b) Minn xiex għadda Mose` minn meta ħarab mill-Eġittu sa ma reġa' spiċċa mar lura biex jeħles lil lhud? ____

____

____

____

____

____

____

____

____ 5 marki

ċ) Xkien l-aħħar kastig li rċevew l-Eġizzjani u x'kellhom jagħmlu l-lhud biex il-kastig ma jaqax fuqhom ? ____

____

____

____

____

____

____

____ 5 marki

15-il marka

TMIEM